Minuti tal-Laqgħa Nru. 11 tal-Ħames Kunsill Lokali Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 28 ta' Jannar 2008 fis-6.30 p.m..

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Is-Sur John Schembri |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura Lucia Massa |
| **L-Uffiċjali:** | |
| Is-Segretarju Eżek. | Is-Sur Michael Borg |
| **Skużat:** | Is-Sur Victor Caruana<br>Is-Sur Joseph Piscopo A.Mus.L.C.M. |
| **Assenti :** | Dr Frank Psaila |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Riferenzi għall-Minuti
3. Korrispondenza
4. Rapport Finanzjarju Ottubru/Diċembru 2007
5. Mozzjonijiet
6. Ħlasijiet

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa Nru 10 li, peress li ma kienx hemm emendi għalihom, ġew approvati fuq mozzjoni tal-Viċi Sindku Joseph Scicluna ssekondata mis-Sur Joe Camilleri.

## 2. REFERENZI GĦALL-MINUTI

2.1 Riferenza għall-Minuti ma kienx hemm.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku ta resume' tal-korrispondenza kollha li daħlet sat-28 ta' Jannar 2008, fosthom ;

a) Memo 1/2008 mid-DLG dwar Seminar Informattiv dwar Żwiġijiet mis-Sindki ;

b) Ċirkulari AKL 52/45 dwar il-pjan imfassal ta' laqgħat ta' l-Assoċjazzjoni għal matul is-sena ;

c) ittra mill-Iskola *Margaret Mortimer* li titlob għal donazzjoni għall-okkazjoni tal-*Prize Day*. Il-Kunsill iddeċieda li jagħti l-istess donazzjoni f'kotba bħas-snin ta' qabel ;

d) Il-Kunsill innota email dwar ilmenti varji mressqin mis-Sur Pierre Saydon.

- Il-Kunsill innota l-Korrispondenza kollha li daħlet mill-MEPA.

## 4. RAPPORT FINANZJARJU OTTUBRU/DIĊEMBRU 2007

4.1 Bil-Permess tas-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għad-diskussjoni r-Rapport Finanzjarju tal-Kunsill għall-perijodu ta' Ottubru/Diċembru 2007. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li r-rapport għadu jidher f'denominazzjonijiet ta' Liri Maltin u li juri dħul ta' kważi Lm60,000 li, meta mqabbel man-nefqa ta' Lm32,000 turi bilanċ sostanzjali għall-perijodu. Żied igħid li din id-diferenza hija dovuta għad-dħul doppju ta' allokazzjoni li nzertat saret fil-perijodu ta' dawn it-tliet xhur.

4.2 Fl-intervent tiegħu s-Sindku qal li r-rapport finanzjarju kien intbagħat minn żmien qabel lill-Kunsillieri biex jifluh, u għalhekk talab għal xi kummenti jew domandi.

4.3 Wara li saru xi domandi u kummenti mill-Kunsillieri preżenti u wara li dawn ingħataw tweġiba mis-Segretarju Eżekuttiv, is-Sindku ressaq ir-rapport għall-approvazzjoni. Dan ir-rapport ġie unanimament approvat.

LUQA

## 5. MOZZJONIJIET

5.1 Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Joseph Camilleri u ssekondata mis-Sindku John Schembri tgħid li : **l-Kunsill japprova li jiġi organizzat Party tal-Karnival għat-tfal.**

5.1.i Wara diskussjoni qasira fejn ġie enfasiżżat li l-Kunsill għandu jadotta l-istess sistema tas-sena ta' qabel, il-Kunsill unanimament approva din il-mozzjoni.

## 6. ĦLASIJIET

6.1 Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kollha li daħlu sat-28 ta' Jannar 2008 u li lista tagħhom ġiet ippreżentata mis-Segretarju Eżekuttiv.

- Peress li ma kienx hemm items oħra x'jiġu diskussi, fis-7.25 p.m. is-Sindku ddikjara l-laqgħa bħala magħluqa.

  - Konfermati llum 18 ta' Marzu 2008.

John Schembri
Sindku

Michael Borg
Segretarju Eżekuttiv